**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**Vs**

**Malcolm Zammit**

Illum 22 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Malcolm Zammit**, ta' 32 sena, iben Joseph u Josephine xebba Farrugia, imwieled Pieta', nhar l-4 ta' Mejju 1983, residenti gewwa fond numru 105, 'Sliem', Triq l-Imsida, Santa Venera u detentur ta' karta tal-identita' 0249883(M) talli fix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2014, gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu tal-Ghaqda tan-Nar 26 ta' Lulju u/jew persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan bi ksur tal-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li huwa approprja ruhu indebitament is-somma ta' €980 ghad-dannu tal-Ghaqda tan-Nar 26 ta' Lulju.

Illi dawn il-proceduri bdew wara li l-ufficjal prosekutur ircieva kwerela[1] minghand Stanley Azzopardi ghan-nom tal-Ghaqda tan-Nar 26 ta' Lulju fl-20 ta' Awwissu 2015 u dan billi kien qieghed jigi mitlub jinvestiga lill-imputat li allegatament kien inghata xi flus appartententi lill-Ghaqda sabiex tithallas il-kumpanija Bestprint Co Ltd ghal xoghol ta' stampar li sar fuq il-programm tal-festa tas-sena 2014.

Stanley Azzopardi[2], is-segretarju tal-Ghaqda tan-Nar inkwistjoni xehed li hija l-prassi tal-Ghaqda li parti mix-xoghol ta' segretarju huwa li jiehu hsieb il-pubblikazzjonijiet li jsiru mill-kumitat matul is-sena fosthom il-ktieb tal-festa li jinvolvi hafna xoghol inkwantu ghal gbir ta' reklami u printing. Din mhix mitluba mill-istatut izda hija uzanza li tigi pprattikata fil-kumitat taghhom. Huwa spjega kif fil-gimgha ta' qabel il-festa tas-sena 2015 meta mar jigbor il-ktieb tal-festa ta' dik is-sena minghand il-Best Print Co Ltd, Mario Abela (li kien ilu jikkollabora mieghu ghal madwar ghoxrin sena) gibdu fil-genb u infurmah li l-pagament tal-ktieb tal-festa tas-sena 2014 ma kienx sar. U minn hemmhekk bdiet it-tfittxija ghal dak li seta' gara billi kellem lill-kaxxier Sharif Abdul Azziz kif ukoll lill-imputat li kien is-segretarju fiz-zmien tal-festa tas-sena 2014.

Sharif Abul Azziz[3] li kien kaxxier fis-sena 2014 xehed li huwa kien ghadda ftit aktar minn seba' mitt euro fi flus kontanti lill-imputat f'envelope maghluq. Id-differenza fil-prezz kien diga' ghand l-imputat billi kien gabar flus ghal reklami u ma kienx ghadda l-flus lill-istess kaxxier. Xehed ukoll li kien minghalihom li l-Best Print Co Ltd kienu jippreferu jithallsu fi flus kontanti izda recentement saru jafu li anki cekk jigi accettat.

Mario Abela, li xehed ghall-kumpanija Best Print Co Ltd[4], ikkonferma li sar il-ktieb tal-festa tas-sena 2014 u li kien l-imputat li f'dik is-sena ha hsieb l-istess ktieb. Huwa kkonferma wkoll li qatt ma thallas ghal ktieb u hareg invoice ghall-istess xoghol biss sena wara u dan billi qabel qatt ma kellu problemi biex jithallas u ghalhekk stenna.

Illi dwar l-appropjazzjoni indebita huwa pacifiku fis-sistema giuridika taghna li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li persuna tkun:

[1] Dok EM a fol 19 tal-process
[2] Seduta tad-9 ta' Novembru 2015
[3] Seduta tad-9 ta' Novembru 2015
[4] Seduta tas-16 ta' Mejju 2016

1. irciviet flus jew xi haga minghand xi hadd;
2. bl-obbligu li trodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li taghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u
3. minflok ma taghmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghaliha jew ghal haddiehor[5].

Illi huwa necessarju ukoll d-*dolo* cioe, ai fini ta' dan ir-reat, il-konsapevolezza li qed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-persuna li tkun ikkonsenjat l-oggett jew il-flus. F'dan ir-rigward Luigi Maino jghallem li:

*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto in oltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto,* ***dall'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale***[6]*. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita … …il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta;… …. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo*[7]*.*

Illi l-imputat isostni li huwa ma rceviex is-somma li allegatament immizapproprja u jichad b'mod kategoriku li qatt kellu dan l-ammont f'idu. Dan sostnieh kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu[8] fil-25 ta' Awwissu 2015 kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti. Rigwardanti dan il-fatt din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni taghha abbazi tal-kredibilita' o meno tal-kaxxier tal-Ghaqda Sharif Abdul Azziz u min-naha l-ohra l-kredibilita' tal-imputat u kif ukoll tal-provi ohra mressqa.

Sharif Abdul Azziz xehed[9] li huwa ghadda l-ammont ta' ftit aktar minn seba' mitt euro fi flus kontanti lill-imputat. Id-differenza li twassal ghal €980 kienet diga' tinsab fil-pussess tal-imputat billi l-istess imputat kien gabarhom mir-reklami ghall-ktieb tal-festa inkwistjoni. Il-flus kontanti ghaddihomlu f'envelope maghluq fil-presenza ta' Luke Debrincat u Jason Grech izda l-envelope ma nfetahx

[5] Ref Pulizija vs Enrico Petroni Appell Kriminali deciza 09.06.1998.
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[7] Ref Commento al Codice Italiano Vol IV pagna 105
[8] A fol 5 tal-process
[9] Seduta tad-9 ta' Novembru 2015

quddiemhom u l-flus ma nghaddewx. Ix-xhud qal li qabel ma pogga l-flus fl-envelope huwa ghoddhom personalment u allura huwa cert li kien hemm flus fl-istess envelope u dan intqal biex ixejjen l-insinwazzjoni li l-envelope kien vojt. Jason Grech[10] li dak iz-zmien kien il-President tal-Ghaqda xehed li hekk kif ghaddiet il-festa tar-Rahal li tkun fis-26 ta' Lulju kien hemm laqgha u jiftakar li f'din il-laqgha Sharif Abdul Azziz ghadda envelope (li ma nfetahx quddiemu) lill-imputat u jaf li Sharif Abdul Azziz kien qal lill-imputat li din kienet xi haga tal-Bestprint. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' kemm lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u lill-imputat u tqis li m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dak li xehed Sharif Abdul Azziz ossija li huwa ghadda flus kontanti fl-envelope li nzamm maghluq lill-imputat. M'hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandu jigi dubitat li x-xhieda li ta Sharif Abdul Azziz m'ghandhiex mill-veru. Huwa minnu li l-affarijiet setghu saru ahjar ghaliex li kieku l-flus fl-envelope inhargu u nghaddew quddiem terz jew inghataw lill-imputat kontra xi tip ta' firma li huwa kien ircieva dawn il-flus kien ikun hemm aktar carezza. Sharif spjega li ma fetahx l-envelope billi l-imputat kien zamm il-flejjes tar-reklami ghandu u billi Sharif kien a konoxxenza tal-fatt li l-imputat kellu xi inkwiet ma riedx jikxfu. Inkwantu ghall-ammont li kien diga' fil-pussess tal-imputat gie ppruvat anki mid-dokumenti ezebiti[11] li fil-fatt huwa kien kollettur dik is-sena u li l-hlas ghar-reklami kien sar. Il-Qorti terga' ttenni li kien ahjar kieku l-affarijet saru b'aktar b'mod professjonali izda tifhem ukoll li f'dawn l-Ghaqdiet li jiddependu hafna fuq il-volontarjat tal-membri taghha hemm element qawwi ta' fiducja u l-fatt li l-affarijiet ma sarux b'mod professjonali, izda saru abbazi ta' fiducja li l-kaxxier kellu fl-imputat, il-mizien m'ghandux ixaqleb necessarjament favur l-imputat.

Irid jigi rilevat ukoll li m'hemmx kontestazzjoni li fiz-zminijiet indikati fl-imputazzjoni l-imputat kien is-segretarju ta' din l-Ghaqda. Hekk kif gie spjegat minn Jason Grech, l-imputat fil-kariga tieghu ta' segretarju kien responsabbli mill-istampar tal-ktieb tal-festa. Jason Grech xehed li kif ghaddiet il-festa tas-sena 2014 saret il-laqgha generali, inqara r-rendikont u fir-rendikont il-programm inkwistjoni deher imhallas billi l-flus kienu hargu mill-kumitat. Bhala segretarju l-imputat iffalja dan ir-rendikont. Minuta ta' din il-laqgha m'ghandux ghaliex l-imputat kellu hsara fil-kompjuter. Min-naha tieghu Mario Abela[12], proprjetarju tal-istamperija Bestprint Limited, ikkonferma li l-ktieb tal-festa tas-sena 2014 sar mill-istamperija tieghu ghall-Ghaqda. Fis-sena 2014 dan il-ktieb ha hsiebu l-imputat. Biss pero' huwa xehed li ma kienx hemm ftehim liema persuna mill-Ghaqda kien effettivament se jaffettwa l-hlas. L-istess imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu[13] qal li *l-procedura kienet li s-segretarju jiehu hsieb il-hlas tal-programm.*

Stanley Azzopardi[14] xehed ukoll li hekk kif saru jafu li kien hemm kont pendenti ma' Bestprint Limited huwa mar l-ewwel fuq il-kaxxier biex jivverifika, li min-naha tieghu qal lil Grech li l-flus kien tahom lill-imputat. L-imputat meta mitkellem minn

---

[10] Seduta tal-11 ta' Lulju 2016
[11] Dok SA 4 (lista tal-kollettur u l-konferma li r-riklam thallas) kif ukoll Dok SA 6 sa SA 9.
[12] Seduta tas-16 ta' Mejju 2016
[13] Fil-25 ta' Awwissu 2015
[14] Seduta tat-8 ta' Frar 2016

Jason Grech cahad li l-flus gew f'idejh. Grech kompla jixhed li huwa pprova jlaqqa' l-kumitat darbtejn biex jippruvaw isolvu s-sitwazzjoni izda l-imputat qatt ma mar[15]. Sussegwentement l-imputat avvicina lil Sharif Abdul Azziz biex johorgu l-ammont nofs bin-nofs.

Jason Grech spjega li huwa u l-imputat kienu hbieb kbar u min-naha tieghu baqa' jinsisti li l-problema tissolva internament. Huwa xehed testwalment: *"Malcolm mieghi accetta, l-ewwel offra li jhallas nofs il-valur, xtaq illi jaqsam il-valur ma' Sharif, Sharif qatt m'accetta li jhallas. Hu kien ighid illi la ma hadthomx jien mhux ha nhallas jien, Sharif. U jiena lil Malcolm l-istess ghidtlu ghandek familja u jekk ma hadthomx inti thallasx ghidtlu ghax tkun hadthom lil tal-familja. Malcolm accetta wkoll illi jhallas il-valur kollu nieqes. Mieghi, jigifieri mieghi personali accetta bil-messaggi li mmorru ghand avukat u naghmlu kambjala biex dan ihallashom ftit ftit. Jiena ressaqtha lis-segretarju, lil Stanley, pero' kien hemm xi raguni ghalfejn din ma ntlaqghatx u l-Kumitat kien ipprefera li jaghmel ir-rapport".*

Mario Abela min-naha tieghu xehed li Malcolm Zammit mar ikellmu u offra li jhallas l-ammont huwa personalment. Qatt ma ammetta mieghu li l-flus hadhom huwa. Ix-xhud qallu li ma kienx gust li jehilhom huwa ghaliex ix-xoghol kien sar ghall-Ghaqda. Biss pero' l-istess imputat wara li kellem lil Mario Abela kiteb email[16] lil Stanley Azzopardi ossija lis-segretarju tal-Ghaqda fejn kiteb :

*"Wara diskussjoni li kelli ma' sid il-kumpanija Best print irnexxilna nilhqu ftehim biex inhallas l-ammont dovut jien personali imqassam fuq ammont ta' xhur. Fil-posizzjoni li qieghed bhalissa jien lest li nibda nhallas pagamenti ta' €150 kull xahar sakemm jinqata' l-ammont kollu dovut. Nistenna minghandek biex tinfurmani kif tixtieq li jibda isir il-hlas…ez. (nitla' jien personali ghand il-Best Print jew naddi l-flus lil xi membru tal-kumitat biex jaddihom lil Best Print".*

Mario Abela min-naha tieghu permezz ta' email ukoll ikkonferma ma' Stanley Azzopardi l-ftehim milhuq mal-imputat. Jirrizulta li dan il-ftehim qatt ma gie onorat mill-imputat.

Hekk kif l-abbli difensur tal-imputat issottometta waqt it-trattazzjoni, huwa minnu li l-email wahedha ma tistax titqies bhala ammissjoni min-naha tal-imputat. Madankollu f'dan il-kaz tenut kont tal-assjem tal-provi fuq riportati kif ukoll ta' dak li se jigi rilevat, l-imputat ma jistax jitwemmen li huwa offra li jhallas l-ammont inkwistjoni biex jerfa' r-responsabilita' tal-kariga li kien jokkupa. L-imputat fix-xhieda tieghu viva voce[17] xehed li skont l-istatut l-obbligu biex ihallas il-kontijiet huwa tal-kaxxier. Qal ukoll li dik is-sena kien hemm hafna problem minhabba li l-kaxxier kien ikun hemm hafna diskrepanzi fejn jidhlu flus. Biss pero' nonostante tali allegazzjoni din ma hiex suffragata mill-provi. L-imputat ma jistax jitwemmen ukoll ghaliex l-ammont inkwistjoni filwaqt li mhux wiehed kbir izda lanqas ma huwa wiehed negligibbli u l-imputat stess fl-email mibghuta jaghti x'jifhem li ma kienx fl-ahjar posizzjoni ekonomika. Inoltre' jekk huwa stess fix-

[15] Anki Jason Grech xehed li ippruvaw jiltaqghu mal-imputat izda huwa ma marx ghal-laqghat.
[16] A fol 37 tal-process
[17] Seduta tal-14 ta' Novembru 2016

xhieda tieghu qal li kien jinkombi fuq il-kaxxier li jhallas ma jistax lanqas jibqa' jsostni li offra li jhallas minhabba r-responsabilita' tal-kariga ghaliex ir-responsabilita' tal-hlas skontu kienet fuq haddiehor!

Ukoll fl-istqarrija l-imputat qal li kien ircieva email mill-Ghaqda fit-12 ta' Awwissu 2015 fejn kien inghata avviz ta' decizjonijiet mill-kumitat fejn gie infurmat li huma taw ir-responsabilita' kollha lilu li kellu jhallas lil Best Print Co Ltd ghall-programm tal-festa 2014 u dan wara li huwa kien offra. Fl-email kien inghata zmien sas-17 ta' Awwissu 2015 sabiex jipprezenta rapport ta' ftehim kif kien ser isir il-hlas u li jekk ma kienx se jaghmel hekk kienu se jittiehdu l-passi mehtiega. Huwa qal li seta' jipprezenta tali email izda tali email f'dawn il-proceduri ma gietx prezentata. Fi kwalunkwe kaz l-imputat donnu ried ighid li qisu ma kellux ghazla u ghalhekk inkitbet l-email tas-17 ta' Awwissu 2015 fejn spjega kif kien se jhallas l-ammont. Il-Qorti ma tqisx li l-imputat offra li jhallas ghaliex kien imgieghel b'xi mod illegitimu.

Fl-ahharnett Jason Grech xehed ukoll li l-minuti tal-laqgha li saret hekk kif ghaddiet il-festa fis-sena 2014 fejn allura tnizzel li l-programm kien thallas m'ghandux fil-pussess tieghu billi l-imputat qalilhom li kellu hsara fil-kompjuter u ghalhekk qatt ma gew prezentati. Meta Grech baqa' jinsisti l-imputat hadlu l-kompjuter biex ix-xhud jiehdu ghat-tiswija u rrizulta li veru kien bil-hsara. Biss pero' l-kompjuter hadulu wara t-tieni laqgha generali u kien ghadda zmien mhux hazin.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni u l-parte civile ippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi li l-flus inkwistjoni kienu f'idejn l-imputat bl-iskop li jhallas lil Best Print Co. Ltd izda li din il-kumpanija baqghet ma thallsitx ghaliex l-imputat zammhom ghalih.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva l-imputat jinsab addebitat li huwa recediv a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Fl-atti giet ezebita vera kopja fotostatika tal-original ta' sentenza[18] li nghatat fil-15 ta' Marzu 2005. Il-konnotati f'dik is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar. Kif inhu maghruf liberazzjoni kkundizzjonata mhix kundanna u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan l-addebitu.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda netta u c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment jirrizulta li l-imputat kien ghaddej minn problemi familjari minhabba mard. Tqis li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi sentenza ta' prigunerija la effettiva u lanqas sospiza izda liberta' kundizzjonata bl-obbligu li l-imputat jirrifondi l-flus.

[18] Dok EM 2 a fol 24 tal-process

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recediva u minnu tilliberah, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Inoltre’ bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta’ disa’ mija u tmenin euro (€980) lill-Ghaqda tan-Nar 26 ta’ Lulju fi zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fiz-zmien operattiv ta’ din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**